



IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

**Azzjonijiet tal-UE dwar it-tniġġis ambjentali
mill-vapuri**

Għad fadlilna x'naqdfu

Werrej

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR.....	2
II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-QEA.....	2
1. Regoli tal-UE li jindirizzaw it-tniġġis mill-vapuri.....	2
2. Implimentazzjoni u infurzar tar-regoli tal-UE li jindirizzaw tniġġis mill-vapuri.....	4
3. Il-qafas tal-UE għall-monitoraġġ tat-tniġġis mill-vapuri.....	6
III. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QEA.....	6
Rakkomandazzjoni 1 — Titjib tal-funzjonament u tal-effettività tal-għodod ta' twissija dwar it-tniġġis tal-EMSA.....	6
Rakkomandazzjoni 2 — Tisħiħ tal-monitoraġġ tal-kontrolli obbligatori tal-Istati Membri skont id-direttivi tal-UE	7
Rakkomandazzjoni 3 — Segwitu tal-kwistjonijiet relatati maż-żieda fil-proġetti ffinanzjati mill-UE	8
Rakkomandazzjoni 4 — Tisħiħ tar-rappurtar u l-monitoraġġ tal-istatus ambjentali tal-ilmijiet tal-baħar.....	9

Dan id-dokument jippreżenta t-tweġibiet tal-Kummissjoni Ewropea għall-osservazzjonijiet ta' Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, f'konformità mal-Artikolu 265 tar-[Regolament Finanzjarju](#), u għandu jiġi ppubblikat flimkien mar-Rapport Speċjali.

I. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI FIL-QOSOR

Il-Kummissjoni Ewropea tilqa' r-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-azzjonijiet tal-UE li jindirizzaw it-tniġġis tal-ilma baħar mill-vapuri. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li wara snin ta' progress lejn il-miri ambizzjużi tagħha għall-prevenzjoni tat-tniġġis ambjentali mar in permezz tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, huma meħtieġa sforzi u metodi addizzjonali biex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-ilma baħar mill-vapuri.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jafferma mill-ġdid l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tħares il-popolazzjoni tagħha minn riskji u impatti relatati mal-ambjent, filwaqt li tistabbilixxi t-triq lejn pjaneta sana għal kulħadd. Il-Kummissjoni adottat diversi inizjattivi tal-UE mmirati lejn it-tnaqqis tat-tniġġis mit-trasport marittimu fl-ibħra tagħha, f'konformità mal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero. Huwa kruċjali li t-trasport marittimu jsir aktar sostenibbli biex jintlaħqu l-miri u l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, filwaqt li jitressqu 'l quddiem il-miri klimatiċi tagħna, kif ukoll l-ambizzjonijiet tal-bijodiversità u ta' tniġġis żero. Is-settur marittimu jagħmel sforzi biex jilħaq dawn il-miri u qed isir ħafna progress.

Il-Kummissjoni se tqis dan ir-rapport fl-inizjattivi ta' politika tal-UE li jmiss u fl-implimentazzjoni ta' dawk eżistenti. [Patt Ewropew dwar l-Oċeani](#) se jiżgura koerenza fl-oqsma kollha ta' politika marbuta mal-oċean. Se jiffoka fuq l-appoġġ ta' żoni kostali u ta' oċeani reżiljenti u b'saħħithom, il-promozzjoni tal-ekonomija blu, il-ġestjoni tal-użu tal-ibħra u l-oċeani tagħna b'mod koerenti, u l-iżvilupp ta' aġenda komprensiva għall-għarfien, l-innovazzjoni u l-investment fl-ibħra. [Strateġija ġdida tal-UE għall-Portijiet](#) u [Strateġija Marittima Industrijali](#) se jsaħħu rispettivament il-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-settur tal-manifattura marittima u tal-portijiet tal-Ewropa. Il-Kummissjoni se tiżgura wkoll li jintlaħaq qbil dwar miżuri ambizzjużi mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) eż. dwar pellets tal-plastik minn kontenituri mitlufa, ilmijiet skarikati u residwi minn sistemi ta' tindif tal-gass tal-egżost jew proċeduri ta' ħasil minn qabel għat-tankers tal-kimiċi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi mfakkar li l-baħar huwa intrinsikament marbut mal-attivitajiet fuq l-art, u viċi versa, kwistjoni li se tiġi eżaminata aktar mill-qrib fl-Istrateġija dwar ir-Reżiljenza tal-Ilma li se tinkludi approċċ mis-sors għall-baħar. Għadu għaddej rieżami tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u dalwaqt se jiġi ppubblikat rapport ta' evalwazzjoni u valutazzjoni tal-impatt.

II. IT-TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦALL-OSSERVAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-QEA

1. Regoli tal-UE li jindirizzaw it-tniġġis mill-vapuri

Il-Kummissjoni hija impenjata bis-sħiħ li timplimenta regoli moderni dwar is-sikurezza marittima u t-tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma mill-vapuri. L-iżgurar li l-leġislazzjoni marittima tal-UE tkun konformi mar-regoli tal-IMO huwa kruċjali f'dan ir-rigward.¹

F'Novembru 2024, ġew adottati erba' biċċiet ġodda ta' leġislazzjoni tal-hekk imsejjaħ "Pakkett dwar is-Sikurezza Marittima" biex jappoġġaw it-tbaħħir nadif, aktar sikur u modern fl-UE. Dawn qed jemendaw id-direttivi rilevanti dwar: (i) it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri, (ii) il-kontroll mill-Istat tal-port, (iii) l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u (iv) il-konformità mar-rekwiżiti

¹ Ara l-osservazzjoni 14 tal-QEA.

tal-istat tal-bandiera. Il-“pakkett” rivedut jikseb bilanċ bejn, minn naħa waħda, il-ħtieġa li tiġi żgurata kwalità għolja tat-tbaħħir u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata l-kompetittività tas-settur tat-trasport marittimu Ewropew, filwaqt li jinżammu wkoll kostijiet raġonevoli għall-operaturi u l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. B'mod ġenerali, din id-direttiva ser tgħammar lill-UE b'għodod moderni biex tappoġġa t-tbaħħir nadif billi tallinja r-regoli tal-UE mal-istandards internazzjonali filwaqt li ttejjeb l-implimentazzjoni u l-infurzar permezz ta' qafas ta' kooperazzjoni msaħħaħ bejn l-awtoritajiet Ewropej u dawk nazzjonali.²

Id-direttiva li għadha kif ġiet riveduta dwar it-tniġġis mill-vapuri³ (ship-source pollution, SSP) tinkorpora standards internazzjonali fil-liġi tal-UE, filwaqt li tiżgura li dawk responsabbli għall-iskariki illegali ta' sustanzi li jniġġsu jkunu soġġetti għal penali dissważivi, effettivi u proporzjonati biex tittejjeb is-sikurezza marittima u jiġi mħares aħjar l-ambjent marin mit-tniġġis mill-vapuri. Il-liġi riveduta tiżgura ċ-ċarezza u l-koerenza mar-regoli u l-proċeduri internazzjonali, b'mod partikolari dawk tal-konvenzjoni internazzjonali għall-prevenzjoni tat-tniġġis minn vapuri (MARPOL), fl-interess tal-ħarsien tal-ambjent marin. Id-direttiva riveduta dwar l-SSP testendi wkoll l-ambitu tad-direttiva attwali biex tkopri l-iskariki illegali ta' sustanzi dannużi f'forma ppakkjata, drenaġġ, żibel u ilmijiet skarikati u residwi minn sistemi ta' tindif tal-gass tal-egżost. Din stabbilixxiet ukoll qafas legali msaħħaħ għall-penali amministrattivi u l-applikazzjoni effettiva tagħhom, li jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali jiżguraw impożizzjoni dissważiva u konsistenti ta' penali għal inċidenti ta' tniġġis mill-vapuri fl-ibħra Ewropej kollha.⁴

Id-direttiva riveduta reċentement dwar il-kontroll mill-istat tal-port⁵ (port state control, PSC) taġġorna r-rekwiżiti għall-ispezzjoni tal-vapuri fil-port. Hija tinkorpora l-Konvenzjoni Internazzjonali ta' Nairobi dwar l-Eliminazzjoni ta' Fdalijiet ta' Vapuri fil-liġi tal-UE. Din il-Konvenzjoni tipprovdi l-bażi legali għall-istati firmatarji biex ineħħu, jew li jkunu neħħew, nawfraggi li jista' jkollhom il-potenzjal li jaffettwaw b'mod negattiv is-sikurezza tal-ħajjiet, tal-oġġetti u tal-proprjetà fuq il-baħar, kif ukoll tal-ambjent marin. L-infurzar tagħha permezz tas-sistema ta' kontroll mill-Istat tal-port ifisser li l-vapuri li jidħlu fil-portijiet tal-UE se jkollhom juru konformità sostanzjali ma' din il-konvenzjoni jew jirriskjaw spezzjonijiet aktar dettaljati, b'mod li dan jipprovdi inċentiv għal aktar stati biex jirratifikawha.

Id-direttiva li għadha kif ġiet riveduta dwar l-investigazzjoni tal-aċċidenti fis-settur marittimu⁶ ssaħħaħ il-kapaċità tal-korpi tal-investigazzjoni tal-aċċidenti li jwettqu u jirrapportaw dwar l-investigazzjonijiet tal-aċċidenti b'mod f'waqtu, espert u indipendenti. Id-direttiva riveduta taġġorna wkoll diversi definizzjonijiet u referenzi għal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u r-regolamenti tal-IMO, biex il-korpi tal-investigazzjoni tal-aċċidenti jkunu jistgħu jwettqu investigazzjonijiet tal-aċċidenti b'mod armonizzat madwar l-UE. Fir-rigward tal-kontejners mitlufa fil-baħar, id-direttiva riveduta tippredvi li l-Istati Membri jridu jirreġistrawhom fil-Pjattaforma Ewropea tal-Infurmazzjoni dwar id-Diżgrazzji tal-Baħar, jekk ikunu jinsabu fl-ilmijiet tagħhom jew jekk ikunu ġejjin minn vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom. Barra minn hekk, id-direttiva li tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ u

² Ara l-osservazzjonijiet 18 sa 21 tal-QEA.

³ Id-Direttiva (UE) 2024/3101 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u l-introduzzjoni ta' penali amministrattivi għall-ksur https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AL_202403101

⁴ Ara l-osservazzjonijiet tal-QEA li jgħibu n-numru 28, 63 u 64.

⁵ Id-Direttiva (UE) 2024/3009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar kontroll mill-Istat tal-port <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A32024L3099>

⁶ Id-Direttiva (UE) 2024/3017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li temenda d-Direttiva 2009/18/KE li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li tħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1286/2011 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ%3AL_202403017

informazzjoni dwar it-traffiku tal-vapuri⁷ tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-kaptan ta' vapur li jkun tilef xi kontejners jirrapporta minnufih il-kontejners mitlufa lill-istat kostali rilevanti, li jfisser li l-monitoraġġ tal-kontejners mitlufa jkun kopert fil-livell tal-UE.⁸

L-Istrateġija riveduta tal-UE għas-Sigurtà Marittima⁹ (EUMSS), approvata permezz tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill f'Ottubru 2023, tipprovdi approċċ komprensiv biex jiġi indirizzat it-theddid għas-sigurtà marittima. L-istrateġija tinkludi, fost l-oħrajn, diversi azzjonijiet biex tiġi indirizzata l-ordinanza mhux sploduta (unexploded ordnance, UXO). B'mod komplementari, bejn l-2016 u l-2022, il-Kummissjoni Ewropea investiet aktar minn EUR 7 miljun fi proġetti ddedikati relatati mal-UXO. Ir-risultati ta' dawn il-proġetti tejbju d-detezzjoni tal-UXO, it-tekniki tan-newtralizzazzjoni u wessgħu l-għarfien tagħna dwar it-theddid tal-UXO fl-ambjent marin.¹⁰

Fil-konferenza “Il-Baltiku Tagħna 2.0” organizzata mill-Kummissjoni f'Palanga, f'Settembru 2023, il-ministri mill-Istati Membri tal-Baħar Baltiku ħadu diversi impenji: (i) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet reġjonali (il-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku — HELCOM, il-Kunsill tal-Istati tal-Baħar Baltiku — CBSS) biex tiġi indirizzata l-UXO fil-Baħar Baltiku; (ii) il-mili ta' lakuni fl-għarfien u fid-dritt u l-avvanzar ta' teknoloġiji għall-eliminazzjoni ta' UXO; (iii) il-prijoritizzazzjoni ta' żoni ta' riskju għoli għall-eliminazzjoni ta' UXO; u (iv) l-esplorazzjoni ta' mekkaniżmi ta' finanzjament biex jappoġġaw dawn l-azzjonijiet. Sabiex tgħin lill-Istati Membri jissodisfaw dawn l-impenji, il-Kummissjoni bdiet proġetti ulterjuri. Diġà għaddejjin erba' proġetti, jew waslu biex jirċievu finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA), mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), jew minn Orizzont Ewropa. L-aktar proġett reċenti (EUR 5,6 miljun) huwa implimentat mill-Kummissjoni, fuq talba tal-Parlament Ewropew biex jiġu żviluppati u ttestjati teknoloġiji ġodda għall-eliminazzjoni ta' UXO fil-Baħar Baltiku. Dan il-proġett b'mod partikolari huwa mistenni li jkollu rwol ewlieni fit-tranżizzjoni mill-fażi “preparatorja” jew “għbir tal-għarfien” għall-fażi tat-tindif.

B'kollox, bejn l-2016 u l-2024, l-UE s'issa investiet aktar minn EUR 24 miljun fi proġetti relatati mal-UXO.

2. Implimentazzjoni u infurzar tar-regoli tal-UE li jindirizzaw tniġġis mill-vapuri

Il-Kummissjoni hija ddedikata li tipprovdi lill-Istati Membri għodod biex jidentifikaw u jindirizzaw it-tniġġis mill-vapuri. L-ewwel nett, biex jiġi identifikat it-tniġġis mill-vapuri, qed tiġi offruta għodda ta' sorveljanza bis-satellita (is-servizz CleanSeaNet) lill-Istati Membri. It-tieni nett, biex jiġu indirizzati irregolaritajiet suspettati, ġiet stabbilita sistema ta' spezzjonijiet fil-qafas tad-Direttiva dwar il-PSC li għadha kif ġiet riveduta u d-Direttiva dwar il-Faċilitajiet tal-Akkoljenza fil-Portijiet (PRF)¹¹, li t-tnejn li huma għandhom għodod iddedikati ospitati mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) biex jappoġġaw l-infurzar (is-sistema ta' mmirar u rappurtar għall-kontroll mill-Istat tal-port — THETIS u THETIS EU).

⁷ Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32002L0059>

⁸ Ara l-osservazzjonijiet 29 sa 31 tal-QEA.

⁹ Strateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea <https://www.consilium.europa.eu/media/67499/st14280-en23.pdf>

¹⁰ Ara l-osservazzjoni 37 tal-QEA.

¹¹ Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn vapuri, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2019/883/oj>

Id-Direttiva SSP mhux biss tinkorpora standards internazzjonali iżda toffri wkoll lill-Istati Membri informazzjoni dwar id-detezzjoni ta' tixrid possibbli. Is-servizz CleanSeaNet huwa s-servizz Ewropew ta' monitoraġġ tat-tixrid taż-żejt ibbażat fuq is-satelliti tal-EMSA u ta' detezzjoni tal-vapuri. Grupp iddedikat ta' esperti tal-Istati Membri jiltaqa' regolarment kull sena mill-2007 u jippreżenta soluzzjonijiet tekniċi għat-teknoloġija u l-metodoloġiji użati minn CleanSeaNet kif ukoll l-affidabbiltà u l-effettività tiegħu. Il-grupp huwa involut fit-tnejja tat-titjib ippanat f'CleanSeaNet bħala riżultat tad-Direttiva SSP li għadha kif ġiet emendata.

Hemm ukoll sinerġiji bejn is-servizzi ta' sorveljanza bis-satellita użati għad-Direttiva SSP (CleanSeaNet) u s-sistema ta' mmirar u rappurtar għall-kontroll tal-istat tal-port (THETIS). Pereżempju, permezz tat-THETIS, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom aċċess għas-sejbiet tal-passat tal-ispezzjonijiet tal-kontroll mill-Istat tal-port għall-vapuri u jistgħu jużaw din l-informazzjoni biex jivvalutaw jekk vapur ikunx issuspettat bi skariku illegali. L-Istati Membri jistgħu jużaw ukoll it-THETIS biex jitolbu awtorità oħra tal-Istati Membri (eż. il-port tal-waqfa li jmiss) biex jispezzjonaw il-vapur suspettat. Huma jistgħu jużaw ukoll THETIS EU biex jaraw jekk il-vapur partikolari ġie spezzjonat fuq il-ġestjoni tal-iskart tiegħu u ħalliex l-iskart inkwistjoni fil-Faċilità Portwarja ta' Akkoljenza tal-port tal-waqfa preċedenti.

Id-data tinġabar għall-UE mis-Servizzi Marittimi Integrati f'SafeSeaNet, CleanSeaNet, THETIS u THETIS EU. Dan jiffaċilita d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi vverifikat l-inċident possibbli ta' tniġġis jew le. Konsegwentement, l-Istati Membri għandhom ċentru ddedikat tal-UE ospitat mill-EMSA biex jappoġġa l-identifikazzjoni u l-indirizzar tat-tniġġis mill-vapuri.¹²

Id-Direttiva dwar il-Faċilitajiet Portwarji ta' Akkoljenza timponi rekwiżiti għall-konsenja ta' skart mill-vapuri lejn il-portijiet. Filwaqt li d-Direttiva dwar l-SSP tiskoraġġixxi r-rimi illegali ta' tali skart fil-baħar, id-Direttiva PRF timplimenta l-għir u l-ġestjoni xierqa tal-iskart. L-obbligu ta' konsenja tad-Direttiva PRF jirrifletti dak tal-projbizzjonijiet ta' skariku fil-MARPOL. Il-vapuri jridu jirrapportaw in-notifiki tal-iskart bil-quddiem u l-irċevuti tal-konsenja tal-iskart tagħhom, li jiffurmaw il-bażi għall-ispezzjonijiet irreġistrati f'THETIS EU. Il-Kummissjoni timmonitorja r-rati ta' spezzjoni u tivverifika jekk il-mira annwali tkunx intlaqet.¹³

Id-Direttiva riveduta reċentement dwar il-kontroll mill-istat tal-port (PSC) ittejjeb is-sistema ta' spezzjoni ta' vapuri barranin fil-portijiet ta' stati minbarra l-istat tal-bandiera minn uffiċjali tal-PSC, biex tivverifika li l-kompetenza tal-kaptan, l-uffiċjali u l-ekwipaġġ abbord, il-kundizzjoni ta' vapur u t-tagħmir tiegħu jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-konvenzjonijiet internazzjonali u, fl-UE, mal-liġi applikabbli tal-UE. B'hekk, il-PSC huwa importanti fl-iżgurar tas-sikurezza marittima u fil-ħarsien tal-ambjent marin. Id-direttiva riveduta: (i) taġġorna l-leġiżlazzjoni tal-UE u tallinjaha mar-regoli u l-proċeduri internazzjonali kif stabbiliti fil-memorandum ta' qbil ta' Pariġi (MtQ) u l-konvenzjonijiet tal-IMO, (ii) tħares l-bastimenti tas-sajd, l-ekwipaġġi tagħhom, u l-ambjent, inkluż billi tintroduċi reġim ta' spezzjonijiet volontarji għal bastimenti ikbar tas-sajd (iktar minn 24 metru fit-tul), (iii) tiżgura approċċ effiċjenti u armonizzat għat-twettiq tal-ispezzjonijiet tal-PSC.¹⁴

¹² Ara l-osservazzjonijiet 41 sa 53 tal-QEA.

¹³ Ara l-osservazzjonijiet 54 sa 58 tal-QEA.

¹⁴ Ara l-osservazzjonijiet 59 sa 61 tal-QEA.

3. Il-qafas tal-UE għall-monitoraġġ tat-tniġġis mill-vapuri

Fl-2008, l-UE adottat id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD)¹⁵ biex jinżammu ekosistemi marini nodfa, b'saħħithom, produttivi u reżiljenti filwaqt li jiġi żgurat użu aktar sostenibbli tar-riżorsi marini.

Id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri jiżviluppaw strateġiji marini nazzjonali sabiex jiksibu, jew iżommu fejn jeżisti, "status ambjentali tajjeb", taħt 11-il deskrittur, inklużi kontaminanti u skart fil-baħar. Dan l-istatus kellu jinkiseb sal-2020. L-istrateġiji marini jinkludu valutazzjonijiet regolari tal-ambjent marin, l-istabbiliment ta' objettivi u miri, l-istabbiliment ta' programmi ta' monitoraġġ u l-istabbiliment ta' miżuri biex jittejjeb l-istat tal-ilmijiet tal-baħar. Dawn l-istrateġiji jenħtieġ li jiġu aġġornati f'ċikli ta' sitt snin. Peress li din hija direttiva qafas, il-programmi ta' monitoraġġ żviluppati mill-Istati Membri jistgħu jibbażaw ukoll fuq diversi sforzi oħra ta' monitoraġġ tal-UE jew sforzi reġjonali u internazzjonali. Il-Kummissjoni hija ddedikata għat-titjib tal-programmi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri u f'haġet **żewġ rapporti** biex tiggwida lill-Istati Membri fl-isforzi ta' monitoraġġ tagħhom, filwaqt li tinvolvi ruħha fi djalogu kontinwu permezz tal-istrateġija ta' implimentazzjoni komuni tad-MSFD. Id-MSFD bħalissa qed tiġi rieżaminata.¹⁶

III. TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-QEA

Rakkomandazzjoni 1 – Titjib tal-funzjonament u tal-effettività tal-ġhodod ta' twissija dwar it-tniġġis tal-EMSA

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2027)

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-EMSA:

- (a) tipprovdi linji gwida lill-Istati Membri dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu u l-obbligi ta' rappurtar relatati mal-allerti CleanSeaNet;**

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni bl-appoġġ tal-EMSA se tkompli taħdem mal-Istati Membri, speċifikament fil-forum tal-grupp ta' utenti CleanSeaNet u thegħiġhom jieħdu azzjonijiet u jirrapportaw dwar is-segwitu tal-allerti CleanSeaNet (inċidenti possibbli ta' tniġġis CleanSeaNet identifikati). Gwida speċifika relatata ma' CleanSeaNet se tiġi żviluppata flimkien mal-grupp ta' utenti CleanSeaNet. Il-Kummissjoni bl-appoġġ tal-EMSA se tippubblika linji gwida li jistabbilixxu regoli dettaljati dwar il-proċedura għar-rappurtar sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi ta' rappurtar tagħhom li jibdwu fl-2027.

¹⁵ Id-Direttiva 2008/56/KE tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina), ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19–40 <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32008L0056>

¹⁶ Ara l-osservazzjonijiet 73 sa 91 tal-QEA.

(b) tiżviluppa t-teknoloġija u l-metodoloġija għal allerti dwar sustanzi niġġiesa minbarra ż-żejt; u

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni bl-appoġġ tal-EMSA se ttejjeb il-CleanSeaNet sabiex tkun tista' twissi lill-Istati Membri dwar aktar tipi ta' sustanzi niġġiesa eż. drenaġġ, żibel, kontenituri mitlufa. Dan il-kompitu huwa ppjanat bħala parti mill-proġett ta' adattament tal-għodod tal-IT ospitat mill-EMSA għall-ħtiġijiet tad-Direttiva emendata dwar l-SSP. Il-kronometraġġ tal-proġett huwa allinjat mat-twaqqit tat-traspożizzjoni tad-Direttiva.

(c) tivvaluta l-affidabbiltà tal-allerti ta' tniġġis tal-EMSA u jekk l-azzjonijiet tal-Istati Membri b'reazzjoni għall-allerti humiex effettivi.

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-azzjonijiet tal-Istati Membri b'reazzjoni għat-twissijiet CleanSeaNet u tirrapporta dwar l-għadd ta' inċidenti ta' tniġġis possibbli ta' CleanSeaNet identifikati, ivverifikati u kkonfermati. L-informazzjoni dwar l-affidabbiltà ta' CleanSeaNet se tiġi analizzata permezz ta' kontroverifika ma' każijiet ta' inċidenti kkonfermati rrapportati mill-Istati Membri filwaqt li jiġi nnotat li ż-żmien ta' osservazzjoni u t-tip ta' assi użati fil-verifika huma ta' importanza kbira biex tiġi żgurata l-effettività tal-verifika fuq il-post. L-informazzjoni dwar l-effettività tal-azzjoni tal-Istati Membri se tinkiseb billi jitqabblu kemm inċidenti vverifikati saru inċidenti kkonfermati. Analiżi bħal din tista' ssejtni biss meta l-obbligi l-ġodda ta' rappurtar isiru obligatorji għall-Istati Membri, jiġifieri wara l-iskadenza tat-traspożizzjoni f'Lulju 2027. Sa tmiem l-2027 tista' tkun mistennija data preliminari għall-valutazzjoni tal-affidabbiltà tal-allerti minħabba li d-direttiva se tiġi trasposta għal ħames xhur biss sa dak iż-żmien. Din l-informazzjoni mhux se tkun kompluta minħabba li l-ewwel skadenza tar-rappurtar għall-informazzjoni dwar il-penali imposti matul is-sena kalendarja preċedenti fil-każ ta' inċident ikkonfermat hija t-30 ta' Ġunju 2028.

Rakkomandazzjoni 2 – Tisħiħ tal-monitoraġġ tal-kontrolli obligatorji tal-Istati Membri skont id-direttivi tal-UE

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2028)

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-EMSA, ittejjeb kif l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti skont id-direttivi tal-UE biex jagħmlu kontrolli u japplikaw penali jew sanzjonijiet, pereżempju billi tistabbilixxi skadenzi għar-rappurtar, formati ta' rappurtar, u indikaturi.

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Fir-rigward tal-SSP, il-Kummissjoni bl-appoġġ tal-EMSA se tistabbilixxi għodda għdida ta' rappurtar għall-implimentazzjoni tad-Direttiva emendata dwar l-SSP biex tagħmel kontrolli dwar jekk l-Istati Membri jivverifikawx inċidenti possibbli u japplikawx penali f'każijiet fejn it-tniġġis ikun ġie kkonfermat u l-awtur tar-reat ikun ġie identifikat. L-iskadenza tar-rappurtar se tkun t-30 ta' Ġunju ta' kull sena għall-penali imposti matul is-sena kalendarja preċedenti. Il-Kummissjoni bl-appoġġ tal-EMSA se ttejjji format ta' rappurtar u se tikkondividi mal-pubbliku sett ta' indikaturi dwar it-tniġġis mill-vapuri. L-indikaturi l-ġodda jistgħu jiġu kondiviżi biss wara li l-obbligi l-ġodda ta' rappurtar isiru obligatorji, jiġifieri sa tmiem l-2028 meta l-ewwel rapporti jkunu disponibbli.

Fir-rigward tal-ispezzjonijiet ta' kontroll mill-Istat tal-port, id-Direttiva emendata tipprevedi taħriġ imtejjeb tal-ispetturi tal-Istati Membri biex itejbu l-kwalità tal-ispezzjonijiet, iżda żżid ukoll il-perjodu ta' żmien li fih l-Istati Membri li jkunu qed jispezzjonaw iridu jissottomettu r-rapporti ta' spezzjoni tagħhom fil-bażi tad-data tal-UE — dan issa se jiġi stabbilit għal 72 siegħa.

Rakkomandazzjoni 3 – Segwitu tal-kwistjonijiet relatati maż-żieda fil-proġetti ffinanzjati mill-UE

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2026)

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, jeħtieġ li ssegwi kwistjonijiet relatati mal-espansjoni, li jolqtu proġetti ffinanzjati mill-UE li jindirizzaw it-tniġġis mill-vapuri.

Il-Kummissjoni **taċċetta parzjalment** din ir-rakkomandazzjoni.

Kif indikat mill-QEA, diversi programmi ta' finanzjament tal-UE jintużaw biex jiffinanzjaw proġetti li jindirizzaw it-tniġġis mill-vapuri. Min-naħa l-oħra, l-ebda wieħed mill-programmi ta' finanzjament tal-UE ma huwa ddedikat esklużivament għat-tniġġis mill-vapuri. Għalhekk, din ir-rakkomandazzjoni jeħtieġ li tiġi kkunsidrata għal kull programm ta' finanzjament li jinkludi proġetti li jindirizzaw it-tniġġis mill-vapuri.

Skont il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-FEMSA, il-biċċa l-kbira tal-proġetti li jindirizzaw it-tniġġis mill-vapuri huma taħt ġestjoni kondiviża bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u se tqajjem il-kwistjoni tal-irfinar bħala punt permanenti fil-laqgħat Annwali tar-Rieżami tal-Prestazzjoni għall-FEMSA biex tkegġeg l-użu ta' fondi fuq proġetti bħal dawk imsemmija fl-Anness VI ta' dan ir-rapport tal-QEA u l-irfinar tagħhom. Madankollu, l-evalwazzjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-irfinar ta' proġetti tibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri.

Taħt Orizzont Ewropa, is-sħubija għal Ekonomija Blu Sostenibbli tiffoka fuq it-tnaqqis b'mod ġenerali tal-impatt tal-ekonomija blu fuq l-ambjent marin u kostali. Mingħajr ma tindirizza b'mod speċifiku l-kwistjoni tat-tniġġis imill-vapuri permezz ta' attività ddedikata, din se "tikkontribwixxi għal kunċetti innovattivi u sostenibbli għal bastimenti żgħar u ta' daqs medju u għal dgħajjes rikreattivi" kif indikat fl-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni 2024¹⁷. Il-missjoni tal-UE "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna" tindirizza wkoll l-oġettiv li jitnaqqas it-tniġġis madwar l-oċeani, l-ibħra u l-ilmijiet, kif ukoll li tiġi appoġġata ekonomija blu newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju¹⁸. Taħt is-sħubija tal-ekonomija blu sostenibbli u l-missjoni tal-UE "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna", il-Kummissjoni se tikkunsidra l-kwistjonijiet li jolqtu l-espansjoni tal-proġetti appoġġati peress li hija parti mill-oġettivi ewlenin tagħhom.

Minħabba t-tfassil speċifiku tal-programmi l-oħra ta' finanzjament li jistgħu jinkludu proġetti li jindirizzaw it-tniġġis mill-vapuri, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li timplimenta r-rakkomandazzjoni għal dawn il-programmi.

¹⁷ [sustainable_blue_economy_partnership_strategic_research_and_innovation_agenda_2024.pdf](#) (paġna 8)

¹⁸ Ir-Restawr tal-Oċeani u l-Ilmijiet tagħna — Kummissjoni Ewropea

Rakkomandazzjoni 4 – Tisħiħ tar-rappurtar u l-monitoraġġ tal-istatus ambjentali tal-ilmijiet tal-baħar

(Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2027)

Il-Kummissjoni jeħtieġ li ttejjeb l-armonizzazzjoni tal-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-kontaminanti u l-iskart fil-baħar, kemm fost l-Istati Membri kif ukoll l-Kummissjoni. Dan jinkludi l-kisba ta' aċċess għal data sottostanti komparabbli biex jitkejjel aħjar il-progress fil-kundizzjoni tal-ambjent marin.

Il-Kummissjoni **taċċetta** din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni diġà impenjat ruħha mal-Istati Membri biex ittejjeb l-armonizzazzjoni tal-monitoraġġ u r-rappurtar permezz tal-Istrateġija komuni ta' implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex ittejjeb dan ulterjorment. Il-Kummissjoni qed tevalwa d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u għalhekk se tikkunsidra wkoll l-obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar f'dan l-eżerċizzju. Il-Kummissjoni tista' tippromponi l-emendi meħtieġa għal-leġiżlazzjoni; madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tippreġudika l-eżitu tal-valutazzjoni tal-impatt. Permezz tal-programmi qafas tagħha għar-riċerka u l-innovazzjoni, l-UE ffinanzjat portafoll ta' proġetti, bl-għan, fost l-oħrajn, li tarmonizza l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tat-tniġġis mill-plastik. Il-[Pjan Strateġiku ta' Orizzont Ewropa 2025-27](#) jinkludi wkoll il-ħtieġa li jiġi indirizzat u mmonitorjat it-tniġġis tal-ilma ħelu u tal-baħar mis-sors għall-baħar. Il-Kummissjoni tfittex kontinwament li ssaħħaħ ir-rabta bejn ir-riċerka u t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika u tappoġġa bil-qawwa l-adozzjoni tar-riżultati tal-proġetti fl-implimentazzjoni tal-MSFD.